MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Numru. 1184/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Emanuel Meilak ta' 21 sena iben Grazio u Margaret nee` Caruana imwieled Pieta` fl-24 ta' Mejju 1992 residenti fil-fond Nru 26, 'Arzella', Triq is-Sibi Kalkara u detentur tal-karta ta' l-identia` bin-numru 262592M**

**Victor Scerri ta' 47 sena iben Vincent u Concetta nee` Calleja imwieled Mtarfa fil-15 ta' Ottubru 1966, residenti fil-fond Nru, 5, Blokk 16C, Triq il-Gendus, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 432166M u kif ukoll lil;**

**Manuel Scerri ta’ 22 iben Victor u Josephine nee` Micallef imwieled Pieta fl-10 ta’ Gunju 1991, residenti fil-fond Nru, 5, Blokk 16C, Triq il-Gendus, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 296991M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli matul ix-xahar ta’ Mejju 2013 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe`;

F’Rahal Gdid, matul ix-xahar ta’ Mejju 2013 u fix-xhur ta’ qabel, ikkommettew diversi serqiet ta’ grosos tas-sigaretti, b’valur totali ta’ madwar €88,000.00, mill-fond ‘Antonio Piscopo Wines and Spirits’, sitwat nru. 119, Triq Haz-Zabbar, Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-hin u li sehh ghad-detriment tas-Socjeta ‘Antonio Piscopo Company Ltd’;

Kif ukoll talli nhar l-14 ta’ April 2013 u fil-jiem ta’ qabel din id-data xjentement laqghu ghandhom jew xraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, oggetti gejjin minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

Lil Victor Scerri wahdu talli:

Sar recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fatt illi l-imputati kkoperaw mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u li lesti ihallsu d-danni sofferti mill-parte leza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 280(1) u 279 (b) u fil-konfront tal-imputat Victor Scerri l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiva ta' din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil kull wiehed mill-hatja ihallas separatament lil Tarcisio Piscopo ghan-nom tas-Socjeta Antonio Piscopo Wines and Spirits Company Limited is-somma ta' disa' w ghoxrin elf tlett mija u erba' u tletin euro (€29,334) ghal total ta' tmienja u tmenin elf euro (€88,000).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------